



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

14095/22
ADD 1

LIMITE

CORLX 995
CFSP/PESC 1432
CONUN 254
CODUN 48
CONOP 112
COTER 256
COARM 217

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	26 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġett "Promozzjoni tal-Innovazzjoni Responsabbli fl-Intelliġenza Artifiċjali għall-Paċi u s-Sigurtà"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument HR(2022) 238.

Mehmuż: HR(2022) 238

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



DOKUMENT TA' PROĠETT

Promozzjoni tal-Innovazzjoni Responsabbli fl-IA għall-Paċi u s-Sigurtà

HR(2022)238

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI

Avvanzi reċenti fl-intelliġenza artifiċjali (IA) fetħu l-bibien għal possibbiltajiet ġodda ta' appoġġ u sostenn tal-paċi u s-sigurtà, pereżempju, permezz ta' titjib teknoloġiku f'oqsma bħat-twissija bikrija għall-konflitti, u l-verifika tal-kontroll tal-armi u tal-esportazzjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, dawn l-avvanzi ppermettew mezzi ġodda ta' ġenerazzjoni ta' tensjonijiet, konflitti u nuqqas ta' sigurtà — jew aggravawhom — fl-istati u bejn stat u ieħor. Ir-riskji li għabu magħhom ċerti applikazzjonijiet ta' IA, bħas-sistemi ta' armi letali awtonomi, żviluppaw fi kwistjoni ewlenija ta' tħassib għall-komunità tal-kontroll tal-armi. Riskju li jista' jfiegħ u li jistħoqqlu aktar attenzjoni, u li l-isforzi tal-kontroll tal-armi u dawk diplomatiċi ta' bħalissa jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jirrispondu għalih, huwa d-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-IA ċivili minn atturi irresponsabbli, fosthom atturi malizzjużi mhux statali, bħall-użu ħażin tan-networks avversarjali ġenerattivi (GAN) biex jipproduċu "deepfakes" għal kampanji ta' diżinformazzjoni.

L-IA hija teknoloġija abilitanti b'potenzjal qawwi ta' użu ġenerali. Ċerti atturi jistgħu jaċċessaw (b'mod relattivament faċli) ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-IA żviluppata għal applikazzjonijiet ċivili u jibdlulha l-iskop għal użu ta' ħsara jew tfixkil li jista' jkollu implikazzjonijiet għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali. Id-devjazzjoni u l-użu ħażin tat-teknoloġija ċivili mhumix fenomeni ġodda u lanqas ma huma uniċi għall-IA. Kien hemm eżempju reċenti ta' dan fil-qasam relatat tar-robotika fejn Da'esh/ISIS fis-Sirja użaw droni rikreattivi bħala arma. Madankollu fil-każ tal-IA, il-problema hija kkumplikata minn diversi fatturi: in-natura intanġibbli u li tinbidel malajr tal-algoritmi u d-data tal-IA, li trendi l-kontroll tat-trasferiment jew il-proliferazzjoni tagħhom diffiċli; ir-rwol ewlieni tas-settur privat fl-ekosistema tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u l-ħtieġa konsegwenti tiegħu li jipproteġi l-algoritmi proprjetarji; u d-disponibbiltà globali tal-għarfien espert uman u tar-riżorsi materjali li kapaċi jagħtu skop ġdid lit-teknoloġiji tal-IA. Sadanittant, il-ħaddiema tal-IA fis-settur ċivili għadhom ta' spiss mhux konxji tal-implikazzjonijiet potenzjali li d-devjazzjoni u l-użu ħażin ta' xogħolhom jista' jkollhom fuq il-paċi u s-sigurtà internazzjonali jew huma indeċiżi dwar jekk jiddux sehem fid-diskussjonijiet eżistenti dwar ir-riskji tal-IA fi ċrieki tal-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni tagħhom.

Hemm il-ħtieġa ta' appoġġ għal involviment akbar tal-komunità tal-IA ċivili biex din tifhem u ttaffi r-riskji għall-paċi u s-sigurtà assoċjati mad-devjazzjoni u l-użu ħażin tat-teknoloġija tal-IA minn atturi irresponsabbli. Għall-Istitut Internazzjonali ta' Riċerka dwar il-Paċi ta' Stokkolma (SIPRI) u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), dan jista' jkollha permezz ta' aktar promozzjoni ta' innovazzjoni responsabbli fil-komunità globali tal-IA ċivili. Ħidma li saret mis-SIPRI u l-UNODA wriet li l-innovazzjoni responsabbli, bħala mekkaniżmu ta' awtogovernanza, tista' tagħti l-għodod u l-metodi prattiċi lill-komunità globali tal-IA ċivili sabiex tidentifika kif ukoll tgħin tipprevjeni u ttaffi r-riskji li d-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-IA ċivili jistgħu jgħolqu għall-paċi u s-sigurtà. Il-ħidma tas-SIPRI u tal-UNODA identifikat ukoll metodoloġija, u bosta inizjattivi b'fokus ċivili li għaddejjin bħalissa, dwar IA responsabbli li jistgħu jservu ta' pedament biex jissensibilizzaw il-komunità tal-IA ċivili għall-kwistjonijiet ta' kontroll u ta' nonproliferazzjoni tal-armi, għal dibattiti ta' esperti u għall-pożizzjonijiet tal-istati dwar l-iżvilupp, id-diffużjoni u l-użu responsabbli tal-IA, kif ukoll għat-tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-ħidma li għaliha huwa responsabbli s-settur tad-difiża.¹ Kruċjalment, din il-ħidma preċedenti identifikat b'mod ċar li l-involvement ta' studenti tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM), li l-involvement tagħhom mal-IA jkun għadu f'format edukattiv, huwa ċentrali għal kwalunkwe sforz effettiv ta' innovazzjoni responsabbli.

2. OBIETTIVI

L-għan ta' dawn il-proġetti huwa li jappoġġaw involviment akbar tal-komunità tal-IA ċivili fit-tnaqqis tar-riskji li d-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli jista' jkollhom fuq il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Il-mira tagħhom hija li dan jagħmluh, l-ewwel nett, billi jiġġeneraw aktar fehim ta' kif id-deċiżjonijiet fl-iżvilupp u d-diffużjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA jistgħu jħallu impatt fuq id-devjazzjoni u l-użu ħażin, li mbagħad jiġġeneraw riskji jew opportunitajiet għall-paċi u s-sigurtà, u t-tieni nett, billi jippromwovv proċessi, metodi u għodod ta' innovazzjoni responsabbli li jistgħu jgħinu jiżguraw l-applikazzjoni paċifika tal-innovazzjonijiet ċivili u t-tixrid responsabbli tal-għarfien dwar l-IA. Għal dan il-għan, jappoġġaw attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, riċerka u involviment li i) permezz ta' proċessi ta' involviment responsabbli jżidu l-kapaċità fil-komunità globali tal-IA ċivili li jinkludu, u jindirizzaw, ir-riskji għall-paċi u s-sigurtà maħluqa mid-devjazzjoni u mill-użu ħażin tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli; u ii) isaħħu r-rabta bejn l-isforzi biex jittaffa r-riskju fl-IA responsabbli fl-isfera ċivili ma' dawk li diġà qed isiru f'livell intergovernattiv fil-komunità tad-diżarm, il-kontroll tal-armi u nonproliferazzjoni. Kruċjalment, mhuma maħsuba li jstabbilixxu ebda standard, prinċipju, jew regolament ġdid, jew jinterferixxu b'mod ieħor f'oqsma fil-kompetenza tal-Istati. Minflok, għandhom l-għan jiżviluppaw sforzi ta' innovazzjoni ċivili responsabbli biex jinkludu r-riskji għall-paċi u s-sigurtà maħluqa mid-devjazzjoni u l-użu ħażin tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli, u jedukaw dwar l-isforzi intergovernattivi rilevanti eżistenti.

Sabiex effettivament jilhqgħu lill-komunità tal-IA ċivili, u jħallu impatt fuqha, il-proġetti jimplimentaw approċċ fuq tliet livelli, u jfittxu li

¹ Il-metodoloġija jinkludu, pereżempju, il-prattiki rrakkomandati mill-Istitut tal-Inġiniera Elettriċi u Elettroniċi (IEEE) għall-valutazzjoni tal-impatt ta' sistemi awtonomi u intelliġenti fuq il-benesseri tal-bniedem (IEEE Std 7010-2020), il-Lista ta' Valutazzjoni għal Intelliġenza Artifiċjali Affidabbli (ALTAI) tal-Grupp ta' Esperti ta' Livelli Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. L-inizjattivi jinkludu: l-inizjattiva globali dwar l-etika għal sistemi awtonomi u intelliġenti tal-IEEE; is-Sħubija dwar l-IA; is-Sħubija Globali dwar l-IA.

- (a) jinvolve lill-edukaturi – ħidma ma' edukaturi u ma' żviluppaturi ta' kurrikuli akkademiċi magħżula dwar l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' materjal edukattiv li jista' jintuża biex jintegra l-kunsiderazzjoni tar-riskji għall-paċi u s-sigurtà li jirriżultaw mid-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli fit-taħriġ ta' Prattikanti futuri tal-IA (pereżempju f'korsijiet dwar l-etika u l-innovazzjoni responsabbli tal-IA);
- (b) jinvolve lill-istudenti – introduzzjoni ta' studenti magħżula minn madwar id-dinja fix-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM) għal kif ir-riskji għall-paċi u s-sigurtà maħluqa mid-devjazzjoni u l-użu ħażin tal-iżvilupp tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli jistgħu jiġu identifikati, prevenuti jew imtaffija fil-proċess ta' riċerka u innovazzjoni jew permezz ta' proċessi oħra ta' governanza; u
- (c) jinvolve lill-industrija tal-IA – ħidma ma' assoċjazzjonijiet ta' professjonisti u ma' korpi tal-istandards bħall-Istitut tal-Inġinieri Elettriċi u Elettroniki (IEEE) i) għat-tixrid ta' materjal edukattiv imfassal apposta u għal attivitajiet ta' involviment ma' professjonisti tekniċi; ii) għall-appoġġ ta' użi pożittivi tal-IA għall-paċi u s-sigurtà; u iii) għall-iffaċilitar ta' djalogu u skambju ta' informazzjoni bejn esperti mid-dinja akkademika, is-settur privat u l-gvernijiet dwar kif jista' jittaffa r-riskju tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA minn atturi irresponsabbli.

B'approċċ bħal dan, il-proġetti jistgħu jilhqgħu lill-komunità tal-IA fil-livelli kollha, mhux biss lill-Prattikanti attwali iżda wkoll lill-ġenerazzjonijiet futuri. Jippermetti wkoll l-involviment bejn il-kategoriji mifruda tad-dinja akkademika, l-industrija u oħrajn, u jappoġġa s-sostenibbiltà ta' sforzi futuri billi jistabbilixxi networks li jaqsmu din is-separazzjoni.

Il-proġetti jfittxu wkoll li jisfruttaw is-setgħa ta' għaqda u l-esperjenza tas-SIPRI u tal-UNODA biex iħallu impatt fuq il-komunità dinjija tal-IA, mhux biss fuq il-partijiet ikkonċernati fl-UE. Is-SIPRI u l-UNODA jinsabu f'pożizzjoni unika biex jilhqgħu u jiffaċilitaw l-involviment bejn l-atturi tal-IA minn madwar l-Afrika, l-Asja u l-Paċifiku, l-Ewropa, u l-Amerka ta' Fuq u t'Isfel. Iż-żewġ entitajiet għandhom ukoll esperjenza ta' ħidma f'oqsma oħra tax-xjenza u tat-teknoloġija fejn iħabbtu wiċċhom ma' sfidi ta' użu doppju u ta' proliferazzjoni, fosthom il-bijoteknoloġija. Il-proġetti jfittxu wkoll li jieħdu vantaġġ mill-kundizzjonijiet preżenti fl-Unjoni Ewropea, bħal a) l-eżistenza ta' proċessi avvanzati ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar IA responsabbli; b) il-livell għoli ta' involviment fi kwistjonijiet ta' diżarm, kontroll tal-armi u nonproliferazzjoni fl-UE, u għarfien expert f'dawn il-kwistjonijiet; c) id-diversità tal-konnessjonijiet li l-organizzazzjonijiet akkademiċi, tar-riċerka u tas-settur privat fl-UE għandhom ma' reġjuni oħra, b'mod partikolari fin-Nofsinar Globali, li ser ikun ukoll mira ewlenija għall-involviment; u d) id-diversità tan-nazzjonalitajiet tal-istudenti, tal-edukaturi u tal-inġiniera fl-universitajiet, fl-istituzzjonijiet tar-riċerka u fis-settur privat.

L-inklużjoni ser titqies fil-qalba tat-tmexxija tal-attivitajiet tal-proġetti. Sabiex jagħtu appoġġ effettiv lill-komunità tal-IA, il-proġetti jirrikonoxxu li l-komunità tal-IA tikkonsisti minn firxa ta' atturi varjati, u partikolarment li

- (a) l-ġeneru huwa fattur rilevanti ħafna. Għal din ir-raġuni, il-kwistjonijiet tal-ġeneru ser jiġu integrati f'konformità mal-istrategġija tan-NU għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-parità fis-sistemi kollha. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-attivitajiet kollha tal-proġett ser tkun imhegħa u meħtieġa; u

- (b) l-persuni b'diżabbiltà ser jiġu inklużi dejjem u kullimkien bil-bżonnijiet tagħhom moqdija kull fejn dan ikun raġonevolment possibbli. Fost l-oħrajn, dan ser jindirizza l-ostakli għall-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà kif ukoll jiżgura li jittieħdu passi għall-involvement tal-persuni b'diżabbiltà u jiffaċilita r-rappreżentazzjoni tal-fehmiet u l-esperjenzi sostantivi tagħhom.

3. PROĠETTI

It-tliet proġetti deskritti hawn taħt huma maħsuba biex ikunu komplementari u jappoġġaw lil xulxin reċiprokament, b'elementi li jibqgħu għaddejjin matul is-36 xahar.

Proġett 1 – Il-produzzjoni ta' materjal edukattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċità għall-komunità tal-IA ċivili

3.1.Għan tal-proġett

Il-Proġett 1 jiffoka fuq il-provvista tal-għarfien u l-mezzi lill-atturi tal-IA ċivili biex jivvalutaw u jtaffu r-riskji li d-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli jista' jkollhom fuq il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Għandu l-għan li jipproduċi materjal edukattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċità li ser jgħin lill-prattikanti tal-IA mir-regġuni, livelli u setturi kollha (inkluż l-edukaturi ffukati fuq l-IA, l-iżviluppaturi tal-kurrikuli, l-istudenti tal-iSTEM u l-inġiniera u r-riċerkaturi fl-IA fid-dinja akkademika u s-settur privat) bi-informazzjoni u bl-għodod meħtieġa biex

- (a) jifhmu kif ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili tista' tiġi ddevjata u użata ħażin b'tali mod li toħloq riskji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u kif id-deċiżjonijiet fl-iżvilupp u t-tixrid tar-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jżidu jew inaqqsu r-riskju tad-devjazzjoni u tal-użu ħażin;
- (b) jifhmu l-isforzi li diġà hija involuta fihom il-komunità tad-diżarm, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni sabiex ittaffi r-riskji tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u tal-innovazzjoni ċivili; u
- (c) jipprattikaw innovazzjoni responsabbli b'mod li jtaffu r-riskju ta' devjazzjoni u użu ħażin fl-iżvilupp u t-tixrid tar-riċerka u l-innovazzjoni.

3.1.1. Deskrizzjoni tal-proġett

Dan il-proġett ser jipproduċi tliet settijiet separati ta' materjal edukattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċità.

- (a) *Manwal (1)* – Il-manwal ser ikun ġabra tal-għarfien bażiku u l-mezzi għall-atturi fl-IA biex waqt il-proċessi ta' riċerka u ta' innovazzjoni jivvalutaw u jtaffu r-riskji tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tat-teknoloġija tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli. Ser jiddiskuti kif u għaliex id-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp u t-tixrid tar-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jħallu impatt fuq ir-riskji tad-devjazzjoni u l-użu ħażin, li mbagħad jiġġeneraw riskji u opportunitajiet għall-paċi u s-sigurtà. Ser jintroduċi wkoll id-dritt internazzjonali rilevanti u obbligi tal-kontroll tal-esportazzjoni minbarra kunsiderazzjonijiet dwar is-sikurezza u s-sigurtà li qed jiġu diskussi fiċ-ċrieki militari u dawk tad-diżarm, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni; u jippreżenta eżempji ta' proċessi u għodod għall-prattika ta' innovazzjoni responsabbli, bħall-metodoloġiji tal-valutazzjoni tal-impatt tat-teknoloġija u mudelli għall-valutazzjoni tar-riskju.

- (b) *Sensiela ta' podcasts (~10)* – Dawn il-podcasts ser jaġixxu bħala mezz aċċessibbli u ta' involviment għall-atturi tal-IA biex jitgħallmu dwar kif u għaliex proċessi ta' innovazzjoni tal-IA responsabbli jistgħu jappoġġaw il-paċi u s-sigurtà internazzjonali permezz tal-mitigazzjoni tar-riskji ppreżentati mid-devjazzjoni u l-użu ħażin minn atturi irresponsabbli. Is-sensiela ser tirrevedi temi importanti (eż., ix-xejra tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni b'użu doppju/ġenerali; l-isfidi umanitarji, strateġiċi u politiċi assoċjati mal-użu ħażin potenzjali tal-innovazzjoni fir-riċerka tal-IA ċivili; l-isfidi li jiffaċċjaw iċ-ċrieki tad-diżarm, tal-kontroll tal-armi u tan-nonproliferazzjoni fl-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju; kif issir innovazzjoni responsabbli permezz ta' valutazzjoni tar-riskju; il-konformità mal-kontroll tal-esportazzjoni; it-tnaqqis tar-riskju skont id-disinn; pubblikazzjoni responsabbli; kun af lill-klijenti tiegħek; u esperjenza ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni) u ser tkun strutturata fuq intervisti li t-tim tal-proġett ser iwettaq ma' rappreżentanti minn komunitajiet rilevanti.
- (c) *Sensiela ta' blogs (9-10)* – It-tim ser jiżviluppa sensiela ta' blog posts magħżula bl-għan li jgħollu l-profil tal-isforzi li jippruvaw jaqsmu l-fruntieri bejn "IA responsabbli" b'fokus ċivili u l-komunitajiet tal-kontroll tal-armi u tan-nonproliferazzjoni. Is-sensiela ta' blogs ser tipprovdi pjattaforma għat-tixrid ta' għarfien, ideat u soluzzjonijiet rigward l-identifikazzjoni u l-indirizzar tar-riskji assoċjati mad-devjazzjoni, u l-użu ħażin tal-IA ċivili fil-proċess ta' riċerka u innovazzjoni. Il-blog ser ikollu l-għan li jirrappreżenta d-diversità tal-ħsibijiet u l-perspettivi preżenti fis-settur tal-IA.

Dawn il-materjali ser jinxterdu pubblikament permezz tas-siti web tal-atturi responsabbli mill-implimentazzjoni, il-preżenza tagħhom fil-media soċjali, u permezz ta' komunikazzjoni diretta mal-entitajiet akkademiċi rilevanti, l-assoċjazzjonijiet professjonali tal-IA ċivili u gruppi xierqa oħra.

3.1.2. Riżultati mistennija tal-proġett

Dan il-proġett huwa mistenni li jistabbilixxi sett ġdid ta' materjali li permezz tagħhom il-prattikanti tal-IA ċivili jistgħu jsiru sensitizzati għal a) kif ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili jistgħu jiġu ddevjati u użati ħażin b'modi li jistgħu jippreżentaw riskji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, b) kif tali riskji qed jiġu indirizzati mill-komunità tad-diżarm, il-kontroll tal-armi, u n-nonproliferazzjoni, u c) kif il-prattikanti tal-IA jistgħu jikkontribwixxu aktar għall-mitigazzjoni ta' tali riskji permezz ta' proċessi ta' innovazzjoni responsabbli.

Dan mistenni jsaħħaħ l-involviment tas-settur tal-IA ċivili fil-mitigazzjoni tar-riskji li d-devjazzjoni u l-użu ħażin tal-IA ċivili jista' jkollhom fuq il-paċi u s-sigurtà internazzjonali; itejjeb il-kapaċità tal-prattikanti tekniċi li jinvolvu ruħhom fi proċessi rilevanti fil-komunità tad-diżarm, il-kontroll tal-armi, u n-nonproliferazzjoni kif ukoll jappoġġa l-involviment ta' udjenzi ġodda li mhumix tradizzjonalment inklużi fl-isforzi edukattivi dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni.

Il-materjal mistenni wkoll li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-proġetti l-oħra u ser iservi bħala bażi għall-attivitajiet edukattivi u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-Proġett 2 kif ukoll għall-attivitajiet ta' dialogu u involviment fil-Proġett 3. Dawn l-attivitajiet mistennija li mbagħad jikkontribwixxu għall-produzzjoni u l-irfinar tal-materjal. Approċċ iterattiv bħal dan huwa mistenni li jgħin biex

jigū indirizzati l-ostakli potenzjali għall-promozzjoni, it-tixrid u l-użu tagħhom fil-komunità tal-IA, inkluż kwistjonijiet relatati mal-lingwaġġ, il-kontenut, il-kuntest u d-disponibbiltà, li jistgħu jipprekludu l-impatt tagħhom fil-livell globali, b'mod partikolari fin-Nofsinhar Globali.

3.2. Proġett 2 – Edukazzjoni u attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-prattikanti futuri tal-IA

3.2.1. Għan tal-proġett

L-għan tal-Proġett 2 huwa li jappoġġa l-integrazzjoni tal-problema tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka dwar l-IA ċivili minn atturi irresponsabbli fl-edukazzjoni ta' ġenerazzjonijiet futuri ta' Prattikanti tal-IA. Fit-tul, dan ser jiżgura li l-istudenti tax-Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika (STEM) li jsawru l-futur tal-IA jkunu konxji tal-impatti negattivi li d-devjazzjoni u l-użu ħażin ta' xogħolhom minn atturi irresponsabbli jista' jkollhom fuq il-paċi u s-sigurtà internazzjonali u li jkollhom l-għodod bażiċi meħtieġa biex jidentifikaw u jtaffutali riskju fil-proċess ta' riċerka u innovazzjoni.

Dan il-proġett ser iwettaq sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma edukattivi u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ma' edukaturi u studenti f'kollaborazzjoni ma' universitajiet u atturi tal-industrija internazzjonali magħżula. B'hekk il-proġett ifittex li jiżviluppa attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet li l-edukaturi u l-iżviluppaturi tal-kurrikuli akkadeimiċi jistgħu jużaw biex jinkludu fit-taħriġ tal-prattikanti futuri tal-IA (eż. korsijiet dwar l-etika u l-innovazzjoni responsabbli fil-qasam tal-IA) u kunsiderazzjonijiet għar-riskji ta' devjazzjoni u użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli u jorbtu dawk l-attivitajiet mal-kuntest akbar ta' paċi u sigurtà. Permezz ta' dawn is-sessjonijiet ta' ħidma, il-proġett ser ifittex ukoll li jidentifika network ta' edukaturi, żviluppaturi tal-kurrikuli u studenti interessati li jappoġġaw it-tixrid u l-promozzjoni tal-materjal edukattiv tal-proġett u l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-komunità tal-edukazzjoni tal-IA u fil-komunità tal-prattikanti tal-IA. Dan il-komponent ta' networking ifittex li jiżgura s-sostenibbiltà tal-proġetti lil hinn mid-durata immedjata tagħhom u li jippermetti l-bini ta' rabtiet aktar b'saħħithom b'appoġġ għall-impenn tekniku ċivili lejn miri akbar ta' paċi, sigurtà, diżarm u kontroll tal-armi.

3.2.2. Deskrizzjoni tal-proġett

Dan il-proġett ser iwettaq sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma edukattivi u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ma' edukaturi u studenti minn universitajiet magħżula minn madwar id-dinja. Dawn ikunu jikkonsistu f'taħlita ta' lekċers u attivitajiet interattivi li ser jipprovdu lill-edukaturi u lill-istudenti b'opportunitajiet biex jirriflettu dwar kif ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili jistgħu jigū ddevjati u użati ħażin b'modi li jistgħu jippreżentaw riskji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u kif dawn ir-riskji jistgħu jigū identifikati, evitati jew imtaffa fil-proċess ta' riċerka u innovazzjoni, jew permezz ta' proċessi oħra ta' governanza. Dawn l-attivitajiet ser jibnu fuq ħidma pilota preċedenti fuq skala iżgħar imwettqa mill-UNODA li esperimentat b'metodi biex tinvolvi lill-istudenti tal-iSTEM u tissensibilizzahom dwar l-importanza li jitqies l-impatt usa' tal-ħidma tagħhom kif ukoll jinvolvu ruħhom ma' għarfien espert barra mill-oqsma ta' oriġini tagħhom. B'mod konkret, dawn ikunu jikkonsistu minn

- (a) sessjonijiet ta' ħidma reġjonali ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-edukaturi u l-istudenti (4)*
 - is-sessjonijiet ta' ħidma reġjonali ser iwettqu u jippromwovu attivitajiet li l-edukaturi

jistgħu jużaw biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-istudenti tal-iSTEM fl-innovazzjoni responsabbli tal-IA b'enfasi partikolari dwar kif għandhom jiġu evalwati u mtaffija r-riskji tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tat-teknoloġija tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli. Kull sessjoni ta' ħidma ser tiġi organizzata ma' università bbażata fl-UE u università ta' profil għoli minn reġjun globali differenti, biex b'hekk dejjem jingħaqad sett varjat ta' parteċipanti bbażati fl-UE ma' sett varjat ibbażat barra mill-UE. Is-sessjonijiet ta' ħidma mbagħad ser ikopru l-Amerka Latina u l-Karibew, l-Amerka ta' Fuq, l-Afrika u l-Asja u l-Paċifiku. Dan ser jippermetti l-parteċipazzjoni ta' studenti (fil-livelli ta' masters u PhD) minn madwar id-dinja, inkluż min-Nofsinhar Globali. Is-sessjonijiet ta' ħidma jsiru primarjament bl-Ingliż, iżda fejn fattibbli l-parteċipanti jingħataw l-oportunità li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ibbażati fuq raggruppamenti lingwistiċi alternattivi; u

- (b) *sessjoni ta' ħidma internazzjonali dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet sostenibbli (1)* – is-sessjoni ta' ħidma ser tibbaża fuq it-tagħlimiet meħuda mis-sessjonijiet ta' ħidma reġjonali u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi bejn l-edukaturi u l-istudenti magħżula mill-universitajiet involuti fil-proġett. Is-sessjoni ta' ħidma tiddiskuti kif jistgħu jiġu rfinati l-attivitajiet u l-għodod elaborati matul il-proġett, u xxerridhom lil hinn mill-grupp ta' universitajiet parteċipanti. Ser tiddiskuti wkoll kif għandu jiġi appoġġat l-involvement tal-istudenti f'IA responsabbli li jindirizza r-riskji ta' devjazzjoni u użu ħażin għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali ladarba dawn ikunu daħlu fil-forza tax-xogħol.

In-networks u l-preżenza tas-SIPRI u l-UNODA fl-Afrika, l-Asja-Paċifiku, l-Ewropa, l-Amerka ta' Fuq u t'Isfel ser jintużaw biex jiffaċilitaw u jappoġġaw aspetti tal-attivitajiet, skont kif ikun xieraq.

3.2.3. Riżultati mistennija tal-proġett

Il-proġett huwa mistenni li joħloq mudelli ta' attivitajiet tisħiħ tal-kapaċitajiet u ta' involviment li l-edukaturi u l-iżviluppaturi tal-kurrikuli akkademiċi jistgħu jirreplikaw biex jissensibilizzaw lill-prattikanti futuri tal-IA għall-problemi tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli u kif dawn jistgħu jgħinu biex jittaffew dawn il-problemi permezz ta' proċessi ta' innovazzjoni responsabbli. Wara li jitlestew l-attivitajiet tal-proġett, il-parteċipanti (l-edukaturi, iżda wkoll l-istudenti tal-iSTEM) ser ikunu mistennija jużaw u jippromwovu għodod, metodi u kunċetti ta' innovazzjoni responsabbli biex jidentifikaw u jtaffu r-riskji ta' devjazzjoni u użu ħażin fl-iżvilupp u t-tixrid tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili.

L-attivitajiet tal-proġett mistennija wkoll li jiġġeneraw network ta' edukaturi, żviluppaturi tal-kurrikuli u studenti li mhux biss jippromwovu l-attivitajiet tal-proġett fi ħdan il-komunitajiet edukattivi u professjonali tal-IA (eż. matul konferenzi tas-Soċjetà tal-Intelligence Komputazzjonali tal-IEEE) iżda jkunu disponibbli wkoll biex jikkontribwixxu b'kapaċità teknika għal proċessi ta' governanza internazzjonali mmexxija mill-istat (eż. il-proċess tal-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali dwar teknoloġiji emerġenti fil-qasam tas-Sistema ta' Armi Awtonomi Letali).

Il-valur fuq perjodu qasir u twil ta' dawn l-attivitajiet ser jintwera permezz ta' sħarriġ qabel u wara l-attivitajiet.

3.3. Proġett 3 – Iffaċilitar tal-iżvilupp sostenibbli, it-tixrid u l-impatt fit-tul tal-innovazzjoni responsabbli fl-IA għall-paċi u s-sigurtà

3.3.1. Għan tal-proġett

L-għan tal-Proġett 3 huwa li jiffaċilita l-iżvilupp sostenibbli, it-tixrid u l-impatt fit-tul tal-innovazzjoni responsabbli fl-IA bħala mezz biex jittaffew ir-riskji li d-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili jistgħu joħolqu għall-paċi u s-sigurtà. Għandu l-għan li jagħmel dan permezz ta' diskussjonijiet madwar mejda mal-industrija tal-IA, djalogi bejn diversi partijiet ikkonċernati, il-ħolqien ta' rapport pubbliku, u attivitajiet ta' disseminazzjoni immirati. Il-proġett għandu l-għan li jiżgura li x-xogħol iġġenerat, b'mod partikolari l-attivitajiet ta' edukazzjoni, ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u ta' involviment, jilhq u jkollhom impatt fuq il-komunità tal-IA b'mod ġenerali, fil-livelli kollha (minn studenti sa inġiniera u professjonisti oħra tal-IA) u lil hinn mill-konfini ġeografiċi, settorjali, u konfini oħra. Biex tiżdied il-possibbiltà li jsir impatt wiesa' u profund, huwa essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet professjonali f'dan l-ispazju, bħall-IEEE, u li jkun hemm involviment multidimensjonali bejn il-kategoriji mifruda tad-dinja akkademika, l-industrija u oħrajn. Dawn l-isforzi ser jagħtu l-opportunità lir-rappreżentanti interessati minn komunitajiet differenti tal-IA biex jieħdu f'idejhom il-problema u jesprimew il-fehmiet tagħhom stess dwar kif l-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju jistgħu jitwettqu u jiġu promossi b'mod sostenibbli fi ħdan u madwar il-komunità globali tal-IA. Huwa importanti wkoll għall-valur fit-tul tal-proġett għall-istati, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi u atturi oħrajn li l-prattikanti tal-IA jistgħu jitgħallmu minnhom u jinvolvu ruħhom ma' esperti governattivi involuti fil-mitigazzjoni tar-riskju fil-kuntest tad-diżarm, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni. Huwa kruċjali wkoll għas-sostenibbiltà li jiġi żgurat li l-għarfien iġġenerat permezz tal-attivitajiet ta' involviment jiġi analizzat, ikkonsolidat u mxerred b'mod xieraq.

3.3.2. Deskrizzjoni tal-proġett

Dan il-proġett jikkonsisti f'dawn il-fergħat ewlenin:

- (a) djalogi bejn diversi partijiet ikkonċernati dwar "innovazzjoni tal-IA responsabbli għall-paċi u s-sigurtà" (Sa 9) – din is-sensiela ta' laqgħat ta' djalogu virtwali tlaqqa' flimkien esperti mid-dinja akkademika, ir-riċerka, is-settur privat, u l-kontroll tradizzjonali tal-armi mill-UE u lil hinn minnha biex jiddiskutu
- xejriet teknoloġiċi li jistgħu jiġġeneraw riskji ta' tixrid, devjazzjoni u użu ħażin b'impatti għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali;
 - kif jinvolvi ruħhom fil-mitigazzjoni tar-riskju permezz ta' proċessi, metodi u mezzi ta' innovazzjoni responsabbli, u opportunitajiet u sfidi għad-djalogu u l-kondiviżjoni tal-għarfien bejn il-komunitajiet tal-partijiet ikkonċernati, inkluż dawk li joperaw f'setturi oħra bħall-industrija bijoloġiċi u kimiċi; u
 - il-valur, l-iskop u l-format potenzjali ta' network awtosuffiċjenti ta' esperti u attivitajiet ta' djalogu. Il-grupp ta' esperti ser jiltaqa' diversi drabi fis-sena u jaħdem lejn l-organizzazzjoni ta' żewġ avvenimenti pubbliċi għall-komunità usa'.

Mid-disa' laqgħat virtwali, tnejn huma maħsuba li jkun miftuħa għall-pubbliku, sabiex tiġi ffaċilitata konsultazzjoni usa'.

- (b) diskussjonijiet madwar mejda mas-settur privat (Sa 6) – din is-sensiela ta' diskussjonijiet virtwali madwar mejda ser tagħti bidu għal djalogu mal-atturi li jaħdmu bi proċessi ta' innovazzjoni tal-IA responsabbli fis-settur privat (eż. Sħubija dwar l-IA) dwar kif jistgħu jikkontribwixxu għall-minimizzazzjoni tar-riskji tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tat-teknoloġiji tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli, kif ukoll tesplora inċentivi possibbli fl-iżvilupp tas-settur privat biex isir dan. Is-suġġetti ser jinkludu:
- ir-rilevanza tal-kuntest internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà u d-diżarm għas-settur privat;
 - l-ambjent(i) legali li fih(om) jeżistu l-iżvilupp, il-varar u l-operat tal-IA madwar id-dinja;
 - kif wieħed jibni fuq mekkaniżmi ta' valutazzjoni tar-riskju u miżuri oħra li huma parti minn, jew li jistgħu jiġu integrati fi, proċessi ta' innovazzjoni responsabbli u programmi ta' konformità korporattiva; u
 - tagħlimiet li għandhom jittieħdu minn industrij, proċessi u oqfsa oħra relatati mal-kontroll tal-armi (eż. industrij bijoloġiċi u kimiċi).
- (c) rapport dwar il-perspettivi tal-komunità tal-IA dwar il-kontroll tal-armi u l-mitigazzjoni tar-riskju fl-IA, immirat lejn il-komunitajiet tal-IA u tal-kontroll tal-armi (1) – l-iżvilupp ta' dan ir-rapport ser jiġbor u jikkonsolida s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-proġett f'dokument ta' referenza uniku mmirat kemm lejn il-komunità tal-IA ċivili responsabbli kif ukoll lejn il-komunità tal-kontroll tal-armi. Ir-rapport jiddiskuti kif ir-riskji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali assoċjati mad-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili jistgħu jiġu identifikati, evalwati u indirizzati.
- (d) avvenimenti ta' disseminazzjoni mmirati lejn il-konsultazzjoni u l-involvement mal-komunitajiet tal-IA u tal-kontroll tal-armi (għad iridu jiġu deċiżi) – it-tim ser ifittex opportunitajiet biex jikkomunika l-ħidma u s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu tul il-proġett kollu. Il-format tal-avvenimenti u l-kontenut tal-preżentazzjonijiet ikunu mfassla skont il-ħtiġijiet tal-gruppi fil-mira. Dawn jistgħu jinkludu laqgħat tal-CONOP, l-Assemblea tal-Alleanza Ewropea dwar l-IA; il-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar it-teknoloġiji emerġenti fil-qasam ta' Sistemi ta' Armi Awtonomi Letali; il-Grupp ta' Ħidma Interaġenzjali dwar l-IA (IAWG-AI); l-inizjattiva tal-UIT IA għall-Ġid; id-Djalogu Annwali dwar l-Innovazzjoni tal-UNIDIR; u l-Istitut tal-Inġiniera Elettriċi u Elettroniki. It-tim ifittex ukoll li jinvolvi ruħu b'mod bilaterali mal-partijiet ikkonċernati rilevanti mill-gvern, id-dinja akkademika u s-settur privat.

3.3.3. Riżultati mistennija tal-proġett

Dan il-proġett huwa mistenni li jstabbilixxi l-pedamenti għall-iżvilupp sostenibbli, it-tixrid u l-impatt tal-innovazzjoni responsabbli tal-proċessi tal-IA li jindirizzaw ir-riskji ta' tixrid, devjazzjoni u użu ħażin u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-paċi u s-sigurtà lil hinn mid-durata immedjata tad-deċiżjoni tal-Kunsill.

Id-djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati huwa mistenni li jipprovdi mudell għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kollaborazzjoni dwar il-mitigazzjoni tar-riskju mhux biss fi

ħdan il-komunità globali tal-IA iżda wkoll bejn il-komunità tal-IA ċivili responsabbli u l-komunitajiet tad-diżarm, tal-kontroll tal-armi u tan-nonproliferazzjoni. Mudell bħal dan jista' jintuża biex dawk li jfasslu l-politika jiffamiljarizzaw ruħhom ma' avvanzi teknoloġiċi u xjentifiċi ewlenin rilevanti għall-innovazzjoni responsabbli tal-IA u jiffamiljarizzaw ukoll lil udjenzi tekniċi mal-ambjent li dawk li jfasslu l-politika bħalissa qed jinvolvu ruħhom fih. Il-proġett huwa mistenni li jiffaċilita relazzjonijiet u involviment sostenibbli bejn l-atturi interessati fi ħdan dawn il-komunitajiet differenti u bejniethom. Dawn l-effetti eteroġenji tan-network huma mistennija li jippermettu żvilupp akbar u promozzjoni aktar mifruxa tal-innovazzjoni responsabbli tal-IA għall-paċi u s-sigurtà lil hinn mill-perjodu ta' żmien tal-proġett.

Id-djalogu mas-settur privat huwa mistenni li jippermetti involviment akbar u aktar profond tas-settur privat tal-IA fl-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji għall-paċi u s-sigurtà li jirriżultaw mid-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili. Il-proġett huwa mistenni li jagħti lill-atturi ewlenin fil-proċessi tas-settur privat fehim u sjieda akbar tal-problemi li jfittex li jindirizza. Barra minn hekk, għandu l-għan li jiffaċilita l-adozzjoni u l-implimentazzjoni (usa') ta' proċessi, metodi u mezzi ta' innovazzjoni responsabbli fil-mekkaniżmi u l-proċeduri eżistenti għall-ġestjoni tar-riskju korporattiv.

Id-djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati u d-diskussjoni madwar mejda mas-settur privat huma mistennija wkoll li jiġġeneraw għarfien dwar għadd ta' kwistjonijiet sostanzjali, inkluż a) kif metodi u mezzi ta' innovazzjoni responsabbli jistgħu jiġu rfinuti u varati aktar biex jidentifikaw, jipprevjenu u jtaffu r-riskji maħluqa mid-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA ċivili; b) kif ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA jistgħu jintużaw b'mod pożittiv biex jappoġġaw l-oġettivi tal-paċi u s-sigurtà (eż. applikazzjonijiet għal twissija bikrija ta' kunflitti u assistenza umanitarja); u c) kif jistgħu jiġu ffaċilitati djalogu u kondivżjoni ta' informazzjoni akbar bejn l-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju mwettqa fil-komunità tal-IA ċivili responsabbli (jiġifieri diversi inizjattivi mmexxija mill-IEEE) ma' dawk li diġà huma għaddejjin fil-komunità tad-diżarm, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni flivell intergovernattiv.

Ir-rapport u l-attivitajiet ta' disseminazzjoni ser janalizzaw, jikkonsolidaw u jxerrdu l-għarfien iġġenerat permezz tal-Proġetti 1, 2 u 3, u b'hekk jappoġġaw il-promozzjoni tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-attivitajiet tal-proġett fi ħdan il-komunità globali tal-IA, kif ukoll fi ħdan il-komunità tal-politika. Huma mistennija wkoll li jgħinu biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-impatt lil hinn mill-perjodu ta' żmien tal-proġetti.

4. TUL TA' ŻMIEN

It-tul ta' żmien totali tal-implimentazzjoni tal-proġetti hu stmat li jkun ta' 36 xahar.